Għelieqi,
ir-rieda li għandi ...
li noqgħod ngħix magħkom
sa mewti!

Imbagħad qalb l-egħruq
tas-siġar induq
tiġrib il-misteri
ta' l-oqbra li jagħtu
il-ħajja 'n-natura,
li l-iġsma tal-bniedem
bħal trab li kien trab
jinsabu miġbura
f'dik l-art li ġew minnha,
li fiha huma lura.

——— o ———

## Lix-Xemx

Sabiħa hemm fl-għoli
F'ta' l-ikħal smewwiet,
Imdiehba w qawwija
U tgħarrex fis-skiet.

U tiegħek is-seher
Mhux biss fis-sħaniet,
Imma iktar kif tkebbes
L-irħula u l-bliet.

Il-ħmura li tarmi
Fix-xefaq tax-xerq,
Hi għelm ta' l-imħabba
Li twarrab mill-qerq.

Jekk sbejħa hekk tielgħa
Kemm isbaħ fl-inżul!
Lis-sema int tiksi
B'nirien f'wisa' kħul.

Did-dehra qawwija
Inħallet fil-qlub —
Poeti w pitturi
Le xtaqu li ddub.

Sultana smewwija
Mogħnija b'kull ġieħ:
Ħallini ngħannilek
Foħrija qatigħ!

**DUN NIKOL VELLA APAP.**

# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

**minn G. ZARB ADAMI**

Qabel ma ntemm dan it-tagħrif li ġbart minn hawn u minn hemm dwar l-ewwel 20 sena ta' l-istorja mżewqa tal-Akkademja tal-Malti, nixtieq li nsemmi dawn it-ftit irqaqat biex ma jintesewx; hemm minnhom li huma ta' importanza żgħira, oħrajn aktar importanti u li jaqbżu l-għoxrin sena — 1920/1940; iżda kollha jistgħu jkunu ta' siwi biex wieħed jagħraf aħjar x'kienet il-qagħda tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u ta' l-Ilsien Malti.

**DJARJU QASIR:**

**7.9.1920.** Sejħa fi **Il-Ħabib** biex il-kittieba tal-Malti jingħaqdu flimkien bl-għan li jibdew jiktbu b'ortografija waħda u jxerrdu t-tagħlim u l-qari ta' l-Ilsien Malti, miktub b'arti letterarja.

**9.11.1920.** Is-Sur Alfons Marija Galea jikteb: "Nixteqilhom kull suċċess lill-kittieba tal-Malti li jinġabru f'għaqda bil-ħsieb li jiddedikaw irwieħhom għall-ortografija Maltija; jisgħobbini li mħabba l-ħafna xogħol li għandi ma nistax nilqa' l-istedina li nieħu sehem." Is-Sur Fons baqa' jikteb u jistampa bl-ortografija tiegħu l-qadima, imma kien jagħti permess li jistampawlu xi xogħlijiet bl-ortografija tal-Għaqda.

**14.11.1920.** L-ewwel laqgħa — f'd-Dar ta' l-"Unione Cattolica San Giuseppe" il-belt Valletta. Twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Marru għal-laqgħa 36 ruħ. Inħatru l-Kavallier Ġużè Muscat Azzopardi bħala President, u s-Sur Franġisku Saverju Caruana bħala Segretarju. Inħatret ukoll il- Kummissjoni "Tagħrif fuq il-Kitba Maltija".

**26.12.1920.** Laqgħa ma' l-istampaturi.

**18.12.1921** Il-Kummissjoni dwar l-Alfabet ressqet l-abbozz quddiem laqgħa ġenerali.

**7.5.1922.** Tressaq u għadda l-ewwel statut. Inħatar l-ewwel kumitat.

**10.5.1922.** Il-Professur Sir Temi Zammit kiteb hekk lis-Segretarju tal- Għaqda: "Nittama li saħħti u żmieni jħalluni nagħmel xi ħaġa sewwa għall-ġid tal-Għaqda; għax waħda mill-ftit ħwejjeġ li għandi xewqa nara sejrin 'il quddiem qabel ma nagħlaq għajnejja hi li l-Ilsien Malti jkun magħruf, kif imissu, minn kulħadd f'dawn il-gżejjer tagħna u meqjum kif jixraqlu mill-barranin".